**24 ta' Jannar, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

**Tabib Dr. Joseph Ellul**

*versus*

**Jos. G. Coleiro**

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Morosità — Interpellanzi Għal-Ħlas.**

*Jeħtieġ li jkunu saru żewġ interpellazjonijiet għal ħlas għal żewġ skadenzi diversi biex ikun hemm morosita'.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni magħmul quddiem il-Qorti Ċivili Prim' Awla tal-Maesta Tagħha r-Reġina li biħ l-attur wara li ppremetta li quddiem din il-Qorti hemm pendenti kawża fl-ismijiet inversi li fiha l-uiied minuri ta' l-attur jinsabu ċitati "fil-kwalità tagħhom ta' eredi bil-benefiċċju tal-inventarju ta' ommhom Mary Ellul u ndirettament eredi ta' Chevalier John Coleiro u Josephine Coleiro, nanniet tagħhom" għall-kanonizzazjoni ta' kreditu minn Joseph G. Coleiro pretiż kontra l-imsemmija minuri u li "pendente lite" l-attur f'dik il-kawża talab in-nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw l-eredita ġjaċenti ta' Mary Ellul, u l-Qorti ordnat li jiġu spediti l-bandi opportuni u li fuq talba tal-konvenut nomine f'dik il-kawża għar-revoka "contrario imperio" tad-digriet li biħ ġiet ordnata l-ispedizzjoni tal-bandi u għas-sospensjoni tal-proċeduri għan-nomina ta' kuraturi, u wara li ppremetta wkoll li f'att ta' ċitazzjoni l-Qorti ma tistax tordna korrezzjonijiet

li jbiddlu fis-sostanza l-azzjoni jew eċċezzjoni (art. 175 Kap. 15) u għalhekk il-Qorti ma tistax f'dik il-kawża tissostitwixxi għall-minuri l-eredita gjaċenti ta' ommhom, u li dik il-Qorti m'għandiex fakolta, skond il-liġi li tinnomina kuraturi biex jirrappresentaw eredita ġjaċenti (art. 928 Kap. 15) u li, fi kwalunkwe każ, il-Qorti tista biss tinnomina kuraturi "pendente lite", meta n-nomina tagħhom issir neċessarja wara li tkun bdiet il-kawża (art. 929 (2) Kap. 15) u mhux meta din in-neċessita kienet teżisti ġa qabel ma ġiet presentata ċ-ċitazzjoni. kif inhu l-każ presenti, talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, (1) dik il-Qorti għar-raġunijiet imsemmija tirrevoka "contrario imperio" d-digriet tagħha li bih ordnat li jiġu spediti l-bandi għall-kuraturi biex jirrappresentaw l-eredita ġjaċenti ta' Mary Ellul fil-kawża msemmija fl-ismijiet invertiti, u (2) per konsegwenza, dik l-istess Qorti tiċħad it-talba ta' Joseph G. Coleiro f'dik il-kawża għan-nomina ta' kuraturi minnhu mitluba. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-għoxrin (20) ta' Ġunju, 1963 li biha jidher li ċaħdet it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur nomine wara li kkunsidrat:—

Illi l-kawża presenti qamet imħabba dak li ġara fil-kawża l-oħra msemmija fil-premessi taċ-ċitazjoni fl-ismijiet tal-lum pero bil-maqlub u l-meritu presenti jirriferixxi proprju għall-partijiet li għandhom jiffurmaw il-kontradittorju f'dika l-kawża l-oħra.

Illi f'dika l-kawża l-konvenut tal-lum, hemmhekk attur, qed jitlob il-kanonizzazjoni ta' kreditu li huwa verament kellu jieħu mingħand oħtu (ġa mart l-attur), bħala eredi

tal-ġenituri komuni tagħha u tiegħu stess, u billi hu assuma, mill-aġir ta' l-attur, li dan kien aċċetta għan-nom ta' wliedu minorenni l-eredita ta' ommhom bil-benefiċċju tal-inventarju u billi l-istess attur għandu r-rappresentanza ta' l-istess uliedu skond il-liġi, huwa f'dika l-kawża ħarrek bħala konvenut lill-attur ta' llum "bħala leġittimu rappresentant ta' wliedu minuri Mariella u John, aħwa Ellul, fil-kwalità tagħhom ta' eredi bil-benefiċċju tal-inventarju ta' ommhom Mary Ellul u ndirettament eredi tax-Chevalier John Coleiro u Josephine Coleiro, nanniet tagħhom." Wara li kien għall-bidu eċċepixxa li dika l-azzjoni ma tistax isseħħ għax minflok kellha ssir kawża ta' likwidazzjoni u qasma tal-assijiet tal-miżżewġin Coleiro, l-attur odiern, f'dika l-kawża, eċċepixxa ulterjorment illi l-minuri minnu rappresentati għadhom ma aċċettawx l-eredita tal-mejta ommhom u għalhekk l-attur (konvenut odiern) m'għandux azzjoni kontra tagħhom, u dik it-talba għandha tiġi respinta. In vista ta' dina l-eċċezzjoni ulterjuri, il-konvenut, bħala attur fil-kawża l-oħra b'rikors tat-tminja u għoxrin (28) ta' Mejju 1962, talab li jiġu nominati kuraturi biex jirrappresentaw il-wirt battal tal-imsemmija Mary Ellul f'dika l-kawża l-oħra, u l-Qorti, preordinatament għall-istess nomina, b'digriet tad-disgħa u għoxrin (2) ta' Mejju, 1962, ordnat il-ħruġ tas-soliti bandi li bihom kellu jiġi notifikat l-attur tal-lum; dana b'rikors tat-tnax (12) ta' Ġunju, 1962 talab is-sospensjoni tal-proċeduri għan-nomina ta' kuratur prevja okkorrendo r-revoka "contrario imperio" ta' dak id-digriet, u talab li l-Qorti tittratta u tiddeċiedi dik il-kawża. Dina t-talba pero ma ġietx milqugħa billi b'digriet tal-għoxrin (20) ta' Ġunju 1962, il-Qorti ċaħdet it-talba għar-revoka tad-digriet preċedenti li bih kienet ordnat il-ħruġ tal-bandi u rriservat li tipprovdi ulterjorment fuq it-talba għan-nomina ta' kuraturi egħluq erba tijiem mid-data tad-digriet. L-attur od-

iern ppresenta ċ-ċitazjoni tal-lum fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju, 1962, qabel ma laħqet saret in-nomina tal-kuraturi, li għalhekk b'digriet ieħor tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, 1962, baqgħet sospiża sakemm tiġi deċiża l-kawża presenti; b'dana l-mod il-kawża l-oħra baqgħet ukoll sospiża billi għad ma ġiex fissat il-kontradittorju relativ b'riferenza għall-konvenut.

Illi a bażi ta' l-azzjoni odierna l-attur iqiegħed diversi disposizzjonijiet tal-kodiċi tal-proċedura u ċioe l-artikoli 175, 928 u 929 (2) li għalhekk hu l-każ li jiġu trattati wieħed wara l-ieħor.

Illi l-artikolu 175 jitkellem fuq il-fakolta li għandha l-Qorti li tordna jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, dejjem pero b'mod li dan ma jkunx jimporta tibdil fis-sostanza ta' l-azzjoni jew tal-eċċezzjoni. Kif ġa ntqal is-sostanza ta' l-azzjoni fil-kawża l-oħra tikkonsisti fit-talba għall-kundanna ta' ħlas lill-attur f'dika l-kawża (konvenut fil-presenti) ta' ammont ġa lilhu dovut mill-mejta oħtu u, stante l-mewt tagħha, minn uliedha (billi ħaseb li saret l-aċċettazzjoni tal-wirt f'isimhom minn missierhom, rappresentant leġittimu tagħhom) bħala eredi benefiċjarji tagħha; kif ġa ntqal ukoll, l-attur tal-lum (konvenut fil-kawża l-oħra) qabel ma ta l-eċċezzjoni ulterjuri li tirrigwarda l-persuna tal-konvenut u li wasslet għall-kawża preżenti, kien eċċepixxa f'dika l-kawża li minflok domanda għall-ħlas ta' parti mill-kreditu lilhu dovut kien imissu għamel domanda għall-likwidazzjoni u qasma tal-wirtijiet li kontra tagħhom kellu l-istess kreditu: seta, oltre dan, jeċċepixxi wkoll xi ħaġa dwar l-eżistenza jew entita ta' l-istess kreditu. Issa hu evidenti li ebda tibdil fis-sostanza ta' dik l-azzjoni u ta' dawk l-eċċezzjonijiet ma jista jkun hemm bit-tibdil mitlub mill-attur f'dika l-kawża, billi t-tibdil mit-

lub jirriferixxi biss għal min għandu jidher bħala debitur flok id-debitriċi oriġinali li mietet il-ħlas mitlub bil-mod li hu mitlub, dejjem hu dovut mill-wirt tal-debitriċi, il-mejta Mary Ellul, imwielda Coleiro, in kwantu hija stess kienet aċċettat il-wirtijiet tal-ġenituri tagħha Chevalier John u Josephine ġa miżżewġin Coleiro, billi l-beni komponenti l-istess wirt tagħha jridu jagħmlu fronti għall-ħlas tal-kreditu mitlub speċjalment in vista tal-kwalita li fiha wliedha, kif rappresentati minn missierhom huma dikjarati eredi tagħha, u ċioe bil-benefiċċju tal-inventarju; la darba dina l-aċċettazzjoni ma rrisultatx, m'hemm xejn ħażin u anzi hu, skond l-ispirtu tal-artikolu ċitat li l-kawża titkompla fuq l-istess atti kontra kuraturi ta' dana l-wirt battal ta' Mary Ellul, dina hija anke l-prattika kostanti meta wieħed jiġi ċitat bħala eredi, anke sempliċi, biex jesegwixxi obbligu tad-debitur mejjet presunt awtur tiegħu u jirriżulta li hu jkun għadu ma ddeliberax dwar l-aċċettazzjoni o meno ta' l-istess eredita, meta jiġi nominat kuratur tagħha bħala ġjaċenti u l-kawża titkompla kontra dana l-kuratur, bl-istess mod il-kawża kienet tkompli fuq l-istess atti kieku mbdiet kontra l-wirt battal ta' Mary Ellul, rappresentat minn kuraturi, u matul il-kawża l-istess wirt ġie aċċettat, billi allura l-werriet kien jista jidħol flok il-kuraturi — (L-attur qed jgħid li l-kawża ma setgħetx tiġi hekk mibdija, pero dina s-sottomissjoni, kif jidher iżjed l-isfel m'hiex aċċettabili).

Illi hija ugwalment inattendibli s-sottomissjoni ta' l-l-attur li skond l-artikolu 928 tal-Kodiċi ċitat dina l-Qorti ma tistax tinnomina kuraturi biex jirrappresentaw eredita ġjaċenti. Basta wieħed isemmi l-artikolu 946 tal-Kodiċi Ċivili li proprju jirriferixxi għall-kuratur ta' wirt battal "maħtur biss għall-finijiet imsemmija fl-artikolu 928 tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 15), u iżid li skond dana l-aħħar artikolu dina l-Qorti "tista"

wkoll taħtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu fil-Qrati Superjuri . . . ": dina hija l-proċedura prospettata iżjed 'il fuq u li l-konvenut f'dina l-kawża qiegħed jitlob fil-kawża oħra li tiġi applikata, kif tiġi applikata frekwentement u kostantement f'kull każ fejn id-debitur ikun miet u l-wirt tiegħu ma jkunx aċċettat, u ġiet dikjarata bħala dik kontemplata fl-artikolu riferit (li qabel kien numru 945 — ara deċizzjoni LLXVII Kollez. Vol III paġ. 436 in "Pisani vs. Agius");

Illi fl-aħħarnett ir-riferenza għall-artikolu 929 (2) tal-Kodiċi ċitat lanqas ma tgħin fit-teżi attriċi: is-sens ta' dan l-artikolu mhux f'dak sottomess mill-attur u ċioe li n-nomina ta' kuraturi tista ssir biss "pendente lite", iżda li tista ssir wkoll fi stadju simili, u ċioe meta l-ħtieġa tagħha tinqala wara li tkun bdiet il-kawża; jekk din in-neċessita tkun teżisti qabel ma tiġi presentata ċ-ċitazzjoni l-istess tista ssir nomina simili u dana skond l-ewwel paragrafu ta' l-artikolu 929 in disamina. Fil-każ presenti kif sew qal l-attur dina n-neċessita kienet fil-fatt teżisti fil-mument li saret il-kawża, iżda, kif intqal, l-attur ma talabx allura li jsir skond dina l-proċedura għax mingħalih li l-wirt kien ġie aċċettat; hu għalhekk li qiegħed jirrikorri għaliha fi stadju posterjuri, meta rriżultalu li dina l-aċċettazzjoni ma teżistix bħala fatt; l-istess proċedura, kif intqal, għandha tiġi applikata fil-każ presenti, skond it-talba avanżata mill-konvenut fil-kawża l-oħra fejn hu attur.

Rat in-nota ta' l-Appell tal-attur nomine tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, 1963 u l-petizzjoni tiegħu tat-tnax (12) ta' Lulju, 1963 li biha talab li dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija ta' l-ewwel Qorti, bl-ispejjez tażżewġ istanzi għall-appellat.

Rat ir-risposta tal-appellat tad-disgħa *u għoxrin (29)* ta' *Lulju*, 1963 li preliminarment biha qal (1) illi l-petizzjoni hija nulla peress li ġiet presentata meta l-appellant kien imsiefer minn dawn il-Gżejjer; u illi l-garanti offert mhux idoneu u għalhekk huwa jirrifjutah għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u subordinatament illi is-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

*Omissis;*

Trattat l-appell fuq l-eċċezzjoni tan-nullita tal-appell.

Ikkunsidrat:—

Il-kwistjoni odjerna hija limitata għall-fatt, li mhux in kontestazzjoni, li l-appellant meta saret u ġiet presentata l-petizzjoni tal-appell kien assenta ruħu temporaneament minn dawn il-Gżejjer. Infatti l-petizzjoni ġiet presentata fit-tnax (12) ta' Lulju, 1963 mill-P.L. Joseph D'Amato għall-appellant, meta huwa kien ħalla temporaneament dawn il-Gżejjer fit-tmienja (8) ta' Lulju u rritorna fit-tlettax (13) ta' l-istess xahar ta dika s-sena. Jingħad pero li meta ġiet presentata in-nota tal-appell fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, 1963 l-appellant kien presenti f'dawn il-Gżejjer. In vista ta' dak li fuq intqal l-appellat ġieb il-quddiem l-eċċezzjoni tan-nullita tal-*petizzjoni ntrodotta* mid-difensuri tal-attur, li kien jidher fil-kawża fil-kwalita menzjonata u debitament indikata f'isem uliedu minuri.

Ikkunsidrat:—

Illi mid-deposizzjoni ta' Dr. Joe Ellul, l-appellanti nomine, jidher bla ebda ombra ta' dubbju li huwa ħass ruħu aggravat, *fil-kwalita* msemmija, mill-pronunċjament ta'

l-ewwel *Onorabbli* Qorti u dana tant kien minnu li huwa, presenti f'dawn il-Gżejjer, ta' l-inkarigu lid-difensuri tiegħu jippresentaw in-nota tal-appell, li, skond il-liġi, hija l-ewwel att meħtieġ sabiex jiġi ntrodott appell minn sentenza ta' Qorti Superjuri ta' l-ewwel istanza (art. 224 (2) Kap. 15). U li l-imsemmi Dr. Ellul kien determinat li jkompli miexi b'daka l-appell jirriżulta wkoll mid-depożizzjoni li huwa ta' f'dina s-sede. dwar liema determinazzjoni bi kważi ċertezza, li fil-ħsieb ta' dina l-Qorti tammonta għal aktar *minn probabilita kienu jafu biha d-difensuri* tiegħu li kienu ġew inkarigati minnu u dana għall-raġunijiet ben noti tar-relazzjonijiet bejn il-kontendenti, li ndubbjament kienu jirriżultawlhom. Kien għalhekk li meta l-appellanti assenta ruħu mumentaneament minn dina l-Gżira ġiet mid-difensuri tiegħu ntrodotta l-petizzjoni tal-appell, proprju ġurnata qabel ma Dr. Ellul ġie lura minn Sqallija l-għaliex iż-żmien tal-presentata kien jagħlaq f'daka l-jum.

Illi fuq il-faċċja tagħha dika l-istess petizzjoni la ntrinsikament u lanqas estrinsikament ma tidher li għanda xi elementi essenzzjali nieqsa kif jista jidher tant dwar il-kontenut tagħha (art. 142 Kap. 15) kemm dwar il-forma (art. 174(1) (3) Kap. 15) imma, peress li Dr. Joe Ellul kien nieqes mill-Gżira, u dan il-fatt ġie jaf bih l-appellat intqal li kellu jippresentha permezz ta' mandatarju jew prokuratur u la hekk ma sarx dika l-petizzjoni għanda tiġi ritenuta nulla.

Illi dina l-Qorti ma tkunx qegħda tgħid ħaġa ġdida jekk tafferma li tant fid-Dottrina kemm fil-Ġurisprudenza nostrali u estera dejjem ġie ritenut li kemm jista jkun għandhom l-atti jiġu salvati anzikke annullati jew dikjarati nulli. Lanqas jista jiġi negat li l-ġurisprudenza tagħna applikat ċerta liberalita ta' ġudizzju f'każi simili meta l-assenza *tkun temporanja* u dana *in omaġġ għall-ġustizzja*

sostanzzjali kontra l-formalismu esaġerat anżi f'każ jekk mhux identiku almenu sgur analogu għal dana in diskussjoni ġie ritenut li l-mandat tal-avukat u prokuratur legali ma jispiċċax u lanqas jiġi sospiż bis-safar tal-mandanti minn dawn il-Gżejjer u in forza tal-art. 180 (1)(b) tal-Kap. 15 il-prokuratur Legali, inkarigat, jista jippresenta skritturi għall-mandanti tiegħu u fosthom tiġi annoverata n-nota tal-appell (ara Appell Ċvili 29 ta' Novembru, 1883 in re Neg. Antonio G. Agius vs. Semual Lebet Hajan — Vol. X pag. 301). Fil-każ in disamina ġiet presentata mill-Prokuratur Legali tal-attur noe. u firmata mill-avukat tiegħu u l-P.L. stess li ppreżenta il-petizzjoni u l-istess raġunijiet addotti f'dika s-sentenza għall-validità ta' dak l-att għandhom ikollhom effikaċċja f'dana l-każ sabiex l-eċċezzjoni tan-nullita avanzata mill-appellat tiġi miċħuda.

Illi dwar il-kap tal-ispejjeż peress li dana donnu jidher li huwa l-ewwel każ li qam quddiem dina l-Qorti dwar l-att imsemmi fil-korp ta' dina d-deċiżżjoni skond l-art. 221 (3) Kap. 15 hemm ġusta kawża biex jiġu moderati l-ispejjeż.

Għal dawn ir-raġunijiet:

Taqta u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' nullita tal-petizzjoni tal-appellanti mogħtija mill-appellant.

L-ispejjeż tal-inċident jibqgħu bla taxxa, dritt tar-reġistru għall-appellat.